**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 1032/2012**

***VINCENT BONNICI***

***VS.***

***AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR LI B'DIGRIET TAL-20 TA' ĠUNJU, 2022 ĠIET MIBDULA GĦALL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR, SEGRETARJU TAT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR U AVUKAT ĠENERALI (ILLUM IMSEJJAĦ L-AVUKAT TAL-ISTAT), GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLU***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha tar-rikorrent u dwar l-eċċezzjonijiet kollha li fadal tal-konvenuti, wara s-sentenza preliminari mogħtija minn din il-qorti, b'Imħallef differenti, fit-30 ta' Ġunju, 2020;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**15 ta' Ottubru, 2012**, ir-rikorrent fisser li b'deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Mejju, 2012, it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar waħħlu multa ta' €2,500 skont l-**artikolu 14 tat-Tieni Skeda tal-Att X tal-2010** għaliex deherlu li l-appell li tressaq minnu kien wieħed fieragħ u vessatorju;

3. Ir-rikorrent sostna li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma setax iħaddem dan l-artikolu tal-liġi għaliex dan l-artikolu ma kienx jeżisti meta huwa ppreżenta l-appell. Jargumenta għalhekk li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mexa ħażin meta applika dan l-artikolu tal-liġi b'mod retroattiv. Iżid jgħid ukoll, li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma tahx l-opportunità li jagħti fehmtu dwar it-tħaddim l-**artikolu 14 tat-Tieni Skeda tal-Att X tal-2010** għaliex it-Tribunal ħareġ biss b'dan l-artikolu fis-sentenza finali. Barra minn hekk, ir-rikorrent jisħaq li mhux minnu li l-appell li kien ressaq kien wieħed fieragħ u vessatorju;

4. Minħabba f'hekk huwa ressaq din il-kawża u talab lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tistħarreġ l-validità ta' dik il-parti tad-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal ta' Reviżjoni Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-10 ta' Mejju 2012 fil-każ "Vincent Bonnici vs. l-Awtorità ta' Malta Dwar l-Ambjent u Ippjanar" fuq imsemmija fejn ikkonkludiet, «Inoltre, fit-termini tal-Artikolu 14 tat-Tieni Skeda tal-Att X tal-2010, Kap. 504, dan l-istess Tribunal jimponi multa ta' €2,500 li għandha titħallas fi żmien tletin ġurnata mil-lum;» u*
>
> *2. Tiddikjara din il-parti tad-deċiżjoni nulla, invalida jew mingħajr effett billi:*
>
> *i. tikser l-Art 39 tal-Kostituzzjoni; u/jew*
> *ii. hija ultra vires għaliex fil-mument meta l-esponent intavola l-appell ma kienx hemm s-setgħa li tawtorizza t-twettiq ta' deċiżjoni simili u/jew it-Tribunal naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali;*
> *iii. tikser l-Art 6 u 7 tal-Kap. 319.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.»*

5. Is-Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ippreżenta risposta maħlufa fis-**7 ta' Jannar, 2013** u fiha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Fl-ewwel lok is-Segretarju tat-Tribunal jeċċepixxi n-nuqqas ta'*

*ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Dan peress li skond il-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504, id-deċiżjoni tat-Tribunal li jimponi multa amministrattiva għal appell frivolu jew vessatorju hija, fi kliem il-liġi stess, "finali". Il-kelma "finali" tfisser unikament li ma jista' jkun hemm lok ta' ebda proċedura ordinarja oħra – tkun xi tkun – biex wieħed jittanta jirrevedi dak li jkun ġie deċiż mit-Tribunal skond dak il-paragrafu. Peress li normalment id-deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jiġu mpunjati skond l-artikolu 41(6) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, il-leġislatur ried jagħmilha ċara li dan ir-rimedju tal-artikolu 41(6) lanqas japplika għal multa amministrattiva imposta skond il-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda meta, wara li ddikjara d-deċiżjoni tat-Tribunal skond il-paragrafu 14 hija "finali", kompla jżied ex abundante cautela li anke l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenzja Inferjuri) dejjem skond l-artikolu 41(6) tal-Kapitolu 504 mhux konsentit mill-paragrafu 14. Għalhekk ladarba din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni meħtieġa biex tisma' tali rikors peress li mid-deċiżjoni ta' l-imsemmi Tribunal skont il-paragrafu 14 la hemm appell u wisq anqas stħarriġ ġudizzjarju – anzi dawn huma esklużi b'dispożizzjoni speċifika tal-liġi, din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dawn il-proċeduri u minnufih tieqaf milli tkompli tisma' dan ir-rikors inkwantu mhux awtorizzata bil-liġi li tagħmel dan. Altrimenti tkun qed taġixxi ultra vires il-ġurisdizzjoni tagħha. Terġa', stante li r-rikorrent qed jaġixxi skond l-artikolu 469A tal-Kap. 12, dan l-istess artikolu jibda bil-kliem: "Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi". Jiġifieri fejn hu provdut mod ieħor bil-liġi, l-artikolu 469A tal-Kap 12 dwar stħarriġ ġudizzjarju ma japplikax. Inzerta li l-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504 jipprovdi mod ieħor u, konsegwentement, il-paragrafu 14 jieħu s-soppravent fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12 u dan dejjem skond ir-rieda leġifera tal-leġislatur;*

*2. Illi s-Segretarju tat-Tribunal qed jeċċepixxi fit-tieni lok illi l-membri tat-Tribunal lanqas ma jistgħu jitħarrku bħala xhieda kif qed jipproponi r-rikorrenti fil-lista tax-xhieda tiegħu biex jiddeponu quddiem din l-Onorabbli Qorti dwar dak li seħħ fil-proċess tal-appell quddiem dak it-Tribunal u dan ukoll skond każistika ormai stabbilita tal-istess Onorabbli Qorti tal-Appell – ara, f'dan is-sens, fost sentenzi oħra, is-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelo Zammit vs. Kummissjoni għall-Kontroll għall-Iżvilupp, deċiża fl-10 ta' April, 1995, appell numru 1/94, Koll. Vol. LXXIX, 1995, Pt II, p. 876; L-Onorevoli Lino Debono vs. Maġistrat Dottor Michael Mallia, deċiża fid-19 ta' Frar 1990, Vol. LXXIV, 1990, Pt. I, p. 25; Anthony Borg Cardona vs. Joseph Busuttil et., deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, per Onor Imħallef Joseph Said Pullicino, fil-5 ta' Ottubru 1994; Alfred Pisani vs. Joseph Borg Bartolo, Qorti*

*ta' l-Appell, deċiża fid-29 ta' Jannar 1993; u Salem Nuri Razzewi vs Mario Mifsud Bonnici, Qorti ta' l-Appell, 19 ta' Mejju 2000, Koll. Vol. LXXXIV, 2000, Pt II, p. 277. Ara wkoll is-sentenza kollha ċitati dwar l-immunità tal-ġudikatura u ta' membri tat-tribunali kważi-ġudizzjarji milli jiġu mħarrka u/jew li jiddeponu fuq ir-res gestae tal-proċeduri miżmuma quddiemhom fi Kevin Aquilina, 'Remedies under Maltese Law for Wrongful State Action in Breach of EU Law: A Case of Crying Over Spilt Milk?' in Eugene Buttigieg (ed.)., Rights and Remedies 2010: Enforcing One's Rights Under EU Law, Ħal-Tarxien, Gutenberg Press, June 2011, pp. 87-130 b'mod partikolari paġni 98-101;*

*3. Illi t-Tribunal qed jeċċepixxi fir-raba' lok illi skond ġurisprudenza ormai kristalizzata tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-Awtorità u t-Tribunal għandhom jiddeċiedu l-applikazzjonijiet għal żvilupp mhux fuq il-policies eżistenti fid-data ta' meta l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata iżda kif viġenti fid-data tad-deċiżjoni. Ara, f'dan is-sens, fost sentenzi oħra, il-ġurisprudenza tal-Onor. Qorti tal-Appell fl-ismijiet Angelo Farrugia kontra l-Awtorità tal-Ippjanar, deċiża fl-24 ta' April 1996 u Emanuel Mifsud kontra l-Awtorità tal-Ippjanar, deċiża fil-31 ta' Mejju 1996. Dan l-istess prinċipju jgħodd multo magis ukoll għal punt ta' dritt. It-Tribunal huwa tenut li jiddeċiedi appell skont il-liġi kif tkun in vigore fid-data tad-deċiżjoni u mhux fid-data ta' meta jkun ġie ppreżentat l-appell. Dan jemerġi bl-aktar mod ċar mis-segwenti dispożizzjonijiet tal-liġi:*

*(a) mill-artikolu 97(5) tal-Kap. 504 li jipprovdi kif ġej fil-parti relevanti tiegħu:*

> *"(5) ... it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar stabbilit taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 40 ...għand[u] jaqd[i] u jissuċċed[i] fil-funzjonijiet, l-attiv, jeddijiet, passiv u obbligazzjonijiet kollha tal-... Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar rispettivament stabbilit taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp..."*

*(b) mil-Liġi Sussidjarja 504.106, Regolamenti dwar il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar u t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Dispożizzjonijiet Transitorji), li saru bl-avviż legali 27 tal-2011 li jipprovdi kif ġej:*

> *(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għandu jittratta:*
>
> *(a) appelli ppreżentati quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar u li, qabel il-31 ta' Diċembru 2010, kienu*

*għadhom m'humiex differiti għal deċiżjoni;*

*(b) appelli li, wara li tingħata deċiżjoni preliminari fihom mill-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar, reġgħu ġew appuntati;*

*(c) appelli li reġgħu ġew appuntati wara deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell; u*

*(d) kull appell ieħor ippreżentat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.*

*Għalhekk, mhux assolutament minnu li t-Tribunal applika dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi retrospettivament kif allegat fir-rikors ġuramentat. It-Tribunal applika dawn id-dispożizzjonijiet kif mitlub minnu mil-leġislatur, jiġifieri fid-data tal-għoti tas-sentenza. Tant ma ġietx applikata l-liġi b'mod retroattiv li d-dispożizzjoni li tawtorizza l-għoti ta' din il-multa għaddiet mill-Parlament fl-2010 u d-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat fl-10 ta' Mejju 2012;*

*4. Illi fil-ħames lok it-Tribunal mexa skond il-liġi billi applika dak li jipprovdi l-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda annessa mal-Kap 504 li jagħti s-setgħa li t-Tribunal li jimponi multa ta' elfejn u ħames mitt ewro meta jiddikjara li l-proċeduri kienu frivoli jew vessatorji. Jiġi nnotat illi l-liġi ma tistabbilixxix minimu jew massimu tal-multa amministrattiva iżda ammont wieħed biss. Għalhekk, jekk it-Tribunal isib li l-proċeduri quddiemu kienu frivoli jew vessatorji l-uniku multa permessa mil-liġi li tista' tiġi applikata hija dik ta' elfejn u ħames mitt euro. Il-liġi wkoll ma tirrekjedix li l-proċeduri jkunu kemm frivoli u kemm vessatorji biex jiġi applikat il-paragrafu 14 iżda huwa biżżejjed li l-proċeduri jkunu jew frivoli jew vessatorji biex tiġi inflitta l-imsemmija multa;*

*5. Illi fis-sitt lok, il-multa li applika t-Tribunal mhix ta' indoli kriminali imma ta' indoli amministrattiva. Din il-multa ma titniżżilx fil-kondotta tal-persuna in kwistjoni għax hi appuntu multa amministrattiva u mhux multa kriminali. Il-multa in kwistjoni tinġabar bi proċess ċivili u mhux bil-konverżjoni tagħha fi priġunerija. F'dan il-każ kien sta għall-appellant quddiem it-Tribunal li jikkonduċi l-proċeduri quddiem l-istess Tribunal b'mod li huwa ma jkunx qed jikkawża stat ta' frivolità jew vessatorjetà. L-impożizzjoni ta' multa fil-każ ta' appell frivolu jew vessatorju hija meħtieġa għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex appellant ma jaħlix b'mod abbużiv il-ħin tat-Tribunal u tal-Awtorità bi proċeduri ripetittivi, inutili u bla skop u dan it-tip ta' provvediment huwa meħtieġ għall-ispeditezza tal-proċeduri biex it-Tribunal ma*

*jiġix intralċjat bi proċeduri bla ebda bżonn. Din il-multa li hija f'ammont żgħir hija meħtieġa għall-amministrazzjoni tajba tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u hija meħtieġa fl-interess pubbliku għall-aħjar tmexxija tas-seduti tat-Tribunal. Fil-liġijiet tagħna hemm ħafna istanzi fejn jistgħu jiġu mposti multi ta' natura amministrattiva mill-awtorità pubblika kompetenti u minn bord jew tribunal reviżur. Anke l-qrati ċivili wkoll għandhom tali setgħa. Biżżejjed li wieħed jara l-artikoli 223(4), 229(9), 836(8)(d) u l-paragrafu 10(1) ta' Tariffa A tal-Ewwel Skeda tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12. F'dawn il-każijiet kollha, il-penali amministrattiva tiġi inflitta mill-qrati tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni ċivili meta jgħaddu biex jagħtu s-sentenza jew id-deċiżjoni tagħhom u mhux qabel dan l-istadju tal-proċeduri. Għad-differenza fis-sistema ġuridika Maltija bejn l-istitut tal-penali amministrattiva u l-istitut tal-penali kriminali ara Kevin Aquilina, 'The Juridical Nature of Administrative Measures', Law and Practice, Issue 11, December 2005, pp. 29-41 u 'Old Wine in New Bottles: Shifting the Criminal Sanction into Administrative Law – Part 1,' Law and Practice, Valletta, the Malta Chamber of Advocates, Issue 12, June 2006, pp. 33-45;*

*6. Illi fis-seba' lok, il-prinċipju applikabbli fil-proċeduri de quo huwa li ignorantia juri neminem excusat: l-appellant mhux skużat li ma kkonformax ruħu mal-paragrafu 14 hawn fuq ċitat. Mill-2010 'il quddiem huwa kellu biżżejjed żmien biex jikkonforma ruħu mal-liġi iżda naqas li jagħmel dan. Biżżejjed wieħed jara l-verbal tas-26 ta' Lulju 2011 li minnu jirriżulta li meta ssejjaħ l-appell, la l-appellant u lanqas ir-rappreżentant tiegħu ma dehru u lanqas ma ngħatat xi forma ta' raġuni għal din il-karenza ta' interess da parti tal-appellant. L-istess ġara fil-15 ta' Marzu 2011 u fil-5 ta' Mejju 2011. Dawn naturalment huma ftit każijiet riċenti fejn l-appellant la deher għas-seduta, la bagħat rappreżentant u lanqas biss issottometta xi forma ta' raġuni jew skużanti biex jiġġustifika n-nuqqas ta' preżenza tiegħu għas-smigħ tal-appell minnu interpost. Dawn is-seduti saru wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi 'l ġdida, inkluż il-paragrafu 14 suriferit u mhux qabel anke jekk qabel kien hemm ukoll każijiet fejn l-appellant ma deherx għall-proċeduri quddiem l-allura Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar;*

*7. Illi fit-tmien lok, peress illi d-deċiżjoni tat-Tribunal mhix appellabbli u wisq anqas revedibbli, ma jkunx ġust illi t-Tribunal jidħol fil-meritu dwar għala ħass li kellu jimponi tali multa amministrattiva u għalhekk jillimita ruħu li jirreferi għas-sentenza tiegħu stess li fiha l-motivazzjoni neċessarja għalfejn il-multa ġiet inflitta u jirriżerva d-dritt illi jekk ikun hemm ħtieġa fi stadju ulterjuri li jressaq kull difiża oħra li tispetta lilu mil-liġi;*

*8. Illi fid-disa' lok, la l-paragrafu 14 u lanqas l-applikazzjoni tiegħu mit-Tribunal ma jista' jingħad li b'xi mod jikser id-dritt għal smigħ xieraq skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan peress li l-paragrafu 14 huwa ta' indoli dixxiplinarju amministrattiv u mhux ta' indoli kriminali. Kif qalet tajjeb il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Ravnsborg v. Sweden (1994) 18 E.H.R.R. 38, para 34, fil-kuntest ta' proċeduri ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti:*

*"Rules enabling a court to sanction disorderly conduct in proceedings before it are a common feature of the legal systems of the Contracting States. Such rules and sanctions derive from the indipensable power of a court to ensure the proper and orderly functioning of its own proceedings. Measures ordered by Courts under such rules are more akin to the exercise of disciplinary powers than to imposition of a punishment for commission of a criminal offence."*

*Għalhekk, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba, permezz ta' din l-eċċezzjoni, li taddotta bħala tagħha dawn l-insenjamenti tal-Qorti ta' Strasburgu;*

*9. Għaldaqstant l-esponenti jeċċepixxi bir-rispett kollu li t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.»*

6. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (illum Awtorità tal-Ippjanar) wieġbet ukoll fis-**7 ta' Jannar, 2013** u qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament, il-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda tal-Kap 504 jipprovdi li "It-Tribunal jista' jimponi multa ta' €2,500 f'każijiet li fihom jiddikjara dawn il-proċeduri frivoli jew vessatorji u f'każijiet bħal dawn, id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tkun finali mingħajr ebda rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)". Minn eżami ta' dan il-paragrafu joħroġ ċar l-intenzjoni tal-leġislatur li jeskludi b'mod kategoriku kull forma ta' appell frivolu jew vessatorju. B'hekk id-deċiżjoni tat-Tribunal f'din il-materja partikolari hija waħda finali u mingħajr ebda forma ta' rimedju jew stħarriġ ġudizzjarju ieħor. Dan ifisser li d-deċiżjoni tat-Tribunal hi insindakabbli minn din l-Onorabbli Qorti, u l-attur hawnhekk ma hux qed jattakka l-istess liġi bħala leżiva għall-fatt li d-deċiżjoni tat-Tribunal hi finali u mhux sindakabbli minn Qorti, iżda qed jattakka biss id-deċiżjoni tat-Tribunal. Għaldaqstant l-azzjoni odjerna hi*

*improponibbli u legalment insostenibbli;*

*2. Subordinatament u biss jekk din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni, kien jeżisti rimedju effettiv taħt il-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta disponibbli għar-rikorrent. Għaldaqstant, għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti m'għandiex tisma' u taqta' l-kawża miġjuba quddiemha billi l-attur kellu rimedju ieħor taħt liġi oħra dwar l-ilment tiegħu, u li l-istess attur naqas milli jinqeda bih. In vista ta' dan dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża stante n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha fil-materja odjerna;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar huwa organu separat u distint mill-Awtorità esponenti, u l-Awtorità esponenti, bħala parti fl-istess proċeduri, ma kellha qatt id-dritt jew setgħa li tvarja, tħassar jew tirrevoka kwalsijasi deċiżjoni meħuda jew multa imposta mit-Tribunal hawn fuq imsemmi. It-Tribunal huwa entita' awtonoma u għandu personalità ġuridika separata mill-MEPA. Dan jemerġi mill-Artikolu 41 (12) tal-Kap. 504 li jgħid li s-Segretarju għandu jirrappreżenta lit-Tribunal meta jiġu istitwiti proċeduri ġudizzjarji kontra t-Tribunal quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili, u fil-fatt, l-attur f'din il-kawża hekk għamel. Għalhekk ukoll, qed jiġi eċċepit li l-Awtorità esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur għal-lanjanzi sollevati mir-rikorrent u tali lanjanzi, in kwantu diretti kontra l-istess Awtorità, huma insostenibbli. Għaldaqstant l-Awtorità esponenti għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*4. Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għal dak li ngħad aktar qabel, in kwantu l-attur jissottometti li l-imposizzjoni ta' multa hi ta' indoli kriminali, dan ma hux korrett in kwantu wieħed isib li tali sanzjoni hi ekwivalenti għas-sanzjoni kontemplata fil-partita 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A annessa mal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Teżisti wkoll dispożizzjoni simili fl-artikolu 223(4) tal-Kap. 12 fejn il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali tista' timponi d-doppie spese f'każijiet ta' appelli u ritrattazzjonijiet fiergħa jew vessatorji. Fil-każ odjern huwa evidenti li tali multa hija ta' natura amministrattiva, u mhux ta' indoli kriminali, u għaldaqstant ir-rikorrent qatt ma seta' jiġi "akkużat" fil-mument li ntavola l-proċeduri tal-appell kif qed jipproponi r-rikorrent. Din il-multa hija f'ammont fiss u min-natura tagħha tingħata wara li jiġu konklużi l-proċeduri quddiem it-Tribunal. Din il-multa hija neċessarja għat-tmexxija konsistenti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u fil-fatt qiegħda hemm biex trażżan lil min jintavola u/jew jissokta b'appelli evidentement frivoli u/jew vessatorji, bħal ma hu l-każ odjern;*

*5. Illi l-frivolosità u l-vessatorjetà tal-proċeduri kif kondotta mir-rikorrent ħarġu b'mod mill-aktar ċar fid-deċiżjoni tat-Tribunal tal-10 ta' Mejju 2012 fejn it-Tribunal ikkonsidra illi 1) il-proposta kienet diġà ġiet rifjutata mill-Awtorità darbtejn oħra; 2) il-bażi tar-rifjut kien dejjem l-istess u qatt ma kien sar appell minn dawn id-deċiżjonijiet; 3) apparti l-appell l-appellant qatt ma għamel sottomissjoni oħra; 4) fl-aħħar ħames seduti ma deher ħadd quddiem it-Tribunal; 5) l-aħħar darba li l-appellant kien deher kien f'Novembru tas-sena 2008. Kien a bażi ta' dawn iċ-ċirkostanzi li t-Tribunal, korrettament, applika s-sanzjoni ai termini tal-paragrafu 14 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504. Wieħed ma jistax jintavola proċeduri li jaf ben tajjeb li huma vessatorji kif ukoll itellef il-ħin prezzjuż tat-Tribunal billi jaħli ammont sostanzjali ta' seduti u jippretendi li ma tiġix imposta multa meta dak huwa l-iskop ta' din is-sanzjoni. Il-multa imposta mit-Tribunal hija mingħajr ebda dubju ġustifikata u għaldaqstant id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi konfermata fl-intier tagħha;*

*6. Illi in kwantu l-liġi li tikkontempla l-multa li qed tiġi hawn attakkata hi waħda proċedurali, allura it-Tribunal kellu kull jedd li japplika tali liġi meta ġie għad-deċiżjoni tiegħu, in kwantu l-liġi proċedurali li tapplika hi dik viġenti at the time of the trial, u kwindi billi tali liġi kienet fis-seħħ meta ġiet mogħtija d-deċiżjoni mit-Tribunal, l-istess Tribunal kellu kull jedd li jimponi l-istess multa. Illi dan huwa insenjament pjuttost indiskutibbli liema insenjament ġie kkonfermat mill-Qrati tal-Appell f'diversi okkażjonijiet. Għaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrent li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ultra vires hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Ukoll, l-argument tal-attur li ma kellux il-possibilità li jiddefendi ruħhu dwar il-punt jekk l-appell tiegħu kienx frivolu u/jew vessatorju ma jreġġix, proprju għaliex fl-ewwel lok l-artikolu tal-liġi daħal fis-seħħ żmien konsiderevoli qabel ingħatat id-deċiżjoni mit-Tribunal, u l-attur kellu kull possibilità jew li jirtira l-appell tiegħu jekk ħass li kien frivolu u/jew vessatorju, u kif ukoll li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fuq il-mertu biex jissostanzja l-appell tiegħu. L-argument tar-rikorrent li sar jaf bil-possibilità tal-imposizzjoni ta' sanzjoni "biss bis-sentenza" hija skuża li qatt ma tista' treġġi – ignorantia juris neminem excusat;*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm assolutament ebda ksur tad-drittijiet fundamentali kif allegat mir-rikorrent, la taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*8. Illi ma hemmx dubju li r-rekwiżiti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319 ġew kollha osservati u rispettati, u l-*

*allegazzjoni tar-rikorrent li ma ngħatax l-opportunita' li jiddefendi ruħu jew li ġie nnegat id-dritt li jkollu smigħ xieraq hija skorretta għall-aħħar. Ir-rikorrent jaf ben tajjeb li kellu żmien biżżejjed sabiex jikkonforma ruħu mal-liġi. Jiġi hawn rilevat li r-rikorrent naqas kemm-il darba milli jidher quddiem it-Tribunal jew iġib rispett lejn it-Tribunal u jiġġustifika l-assenza tiegħu, li kienet waħda pjuttost frekwenti. Tali seduti kollha seħħew wara li l-Kap. 504 daħal fis-seħħ u għaldaqstant kieku r-rikorrent vera ried jiddefendi ruħu kellu kull opportunità disponibbli għalih. It-Tribunal qatt ma ċaħħad lir-rikorrent minn smigħ xieraq;*

*9. Illi r-rikorrent sejjer żbaljat meta jikkwota l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 u dan peress li, kif diġà ngħad, il-multa imposta mit-Tribunal mhijiex ta' indoli kriminali iżda hija sanzjoni proċedurali u ta' natura amministrattiva. Ir-rikorrent hu wkoll żbaljat meta jgħid li qatt ma ġie akkużat għax fil-fatt tali sanzjoni mhijiex ta' natura kriminali u għaldaqstant ir-rikorrent qatt ma setgħa jiġi meqjus "ħati ta' reat kriminali";*

*10. Illi huwa indiskutibbli wkoll li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali ġew kollha osservati u rispettati mit-Tribunal għaldaqstant it-talba tar-rikorrent f'dan is-sens hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt;*

*11. Illi l-attur irid jissodisfa lil din l-Onorabbli Qorti li l-azzjoni tiegħu tinkwadra taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*12. Illi għaldaqstant u in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

7. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tat-**<u>2 ta' Diċembru, 2013</u>** (ara paġna 65 tal-atti tal-kawża), l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddeċidiet li tirtira l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha;

8. Imbagħad b'sentenza preliminari mogħtija fit-**<u>30 ta' Ġunju, 2020</u>** (ara paġni 95 sa 105 tal-atti), din il-qorti b'Imħallef differenti ddeċidiet hekk:

   i. Li l-azzjoni tar-rikorrent ma tistax titmexxa 'l quddiem skont l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex dan l-artikolu ma jistax jiġi użat

biex jiġu mistħarrġa deċiżjonijiet ta' organi kważi-ġudizzjarji, iżda tista' titkompla skont l-**artikolu 32 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** fuq is-saħħa tas-setgħat ġenerali li huma mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tistħarreġ deċiżjonijiet ta' organi kważi-ġudizzjarji;

ii. Li l-Avukat tal-Istat ġie mħarrek bla bżonn f'din il-kawża u għalhekk ġie meħlus milli joqgħod aktar f'din il-kawża;

iii. Li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar mhux ħa jiġu deċiżi ladarba dawn ġew irtirati;

iv. Li t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija ħażina għaliex l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandha tkun parti f'din il-kawża;

v. Li l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mhijiex tajba għaliex din il-qorti għandha s-setgħa li tisma' din il-kawża ladarba ma setax isir appell mis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar; u

vi. Li t-tieni eċċezzjoni tas-Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent hija mistħoqqa b'dana li l-membri tat-Tribunal ma jistgħux jitħarrku bħala xhieda f'dina l-kawża;

9. L-istadju tal-ġbir tal-provi dwar il-mertu tal-kawża ngħalaq fl-1 ta' April, 2022 (ara paġna 296 tal-atti tal-kawża);

10. Vincent Bonniċi ressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fit-2 ta' Mejju, 2022 (ara paġni 297 sa 311 tal-atti), is-Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fl-20 ta' Mejju, 2022 (ara paġni 312 sa 321 tal-atti) u l-Awtorità tal-Ippjanar ressqet in-nota ta' sottomissjonijiet

tagħha fit-8 ta' Ġunju, 2022 (ara paġni 323 sa 327 tal-atti);

11. Inżammet seduta fl-20 ta' Ġunju, 2022 biex il-partijiet jagħmlu l-aħħar sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

12. Fit-2 ta' Awwissu, 2005, il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp ċaħdet talba ta' Vincent Bonniċi għall-ħruġ ta' *outline development permission* bin-numru PA 4494/02 sabiex iċaqlaq pompa tal-petrol minn post għall-ieħor (ara paġni 235 sa 236 tal-atti tal-kawża). Vincent Bonniċi ma qabilx ma' din id-deċiżjoni u għalhekk appella minnha fid-29 ta' Awwissu, 2005 quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar. L-appell sar skont id-dispożizzjonijiet tal-**Att Dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp** (**Kap 356 tal-Liġijiet ta' Malta)**;

13. Waqt li kien għadu qed jiġi pproċessat dan l-appell, il-Parlament Malti fit-13 ta' Lulju, 2010 għadda l-**Att X tal-2010** imsejjaħ **Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Dan l-Att ħa post il-**Kap 356 tal-Liġijiet ta' Malta** li taħtu sar l-appell tar-rikorrent;

14. F'dan il-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** wieħed seta' jsib l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda** li jgħid hekk:

> *«It-Tribunal jista' jimponi multa ta' €2,500 f'każijiet li fihom jiddikjaraw il-proċeduri frivoli jew vessatorji u f'każijiet bħal dawn, id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tkun finali mingħajr ebda rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).»*

15. Dan l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal**-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** daħal fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru, 2010 b'riħet l-**Avviż Legali 511 tal-2010**;

16. Aktar tard, bis-saħħa tal-**Avviż Legali 27 tal-2011** daħlu fis-seħħ ir-**Regolamenti dwar il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar u t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Dispożizzjonijiet Transitorji) (Leġislazzjoni Sussidjarja 504.106);**

17. Skont dawn ir-Regolamenti, li ġew imħabbra fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta' Jannar, 2011, it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ġie mogħni bis-setgħa li jitratta appelli ippreżentati quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar li, qabel il-31 ta' Diċembru 2010, kienu għadhom m'humiex differiti għad-deċiżjoni;

18. Peress li fil-każ tagħna, l-appell li kien ressaq Vincent Bonniċi fl-2005 quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar ma kienx imħolli għas-sentenza, l-appell tiegħu ġie trasferit biex jiġi deċiż mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

19. Eventwalment, b'deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Mejju, 2012, it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ċaħad l-appell ta' Vincent Bonniċi (ara paġni 5 sa 12 tal-atti tal-kawża) u billi t-Tribunal qies dak l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju, Vincent Bonniċi ġie mmultat €2,500 bit-tħaddim tal-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal**-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta**. Din il-multa kellha titħallas fi żmien tletin jum mid-data tad-deċiżjoni;

20. Fit-13 ta' Lulju, 2012, Vincent Bonniċi bagħat ittra uffiċjali lill-konvenuti biex iħassru din il-multa iżda l-konvenuti ddeċidew li ma jagħtux kasu (ara paġni 13 sa 14 tal-atti tal-kawża);

21. Imbagħad fil-**<u>15 ta' Ottubru, 2012</u>** infetħet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

22. Il-kawża tal-lum hija waħda li saret biex tattakka dik il-parti tad-deċiżjoni tat-

Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mogħtija fl-10 ta' Mejju, 2012, li permezz tagħha Vincent Bonniċi weħel multa ta' €2500 bit-tħaddim tal-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta**;

23. Kif miżmum fis-sentenza preliminari mogħtija minn din il-qorti fit-30 ta' Ġunju, 2020, l-azzjoni mnedija mill-attur ma tistax tissokta taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda tista' titressaq taħt l-**artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.** L-eċċezzjoni numru ħdax tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-applikazzjoni tal-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għalhekk qiegħda tiġi mwarrba;

24. Tassew hija ġurisprudenza miżmuma li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni ġenerali biex tistħarreġ l-imġiba ta' kull tribunal kważi-ġudizzjarju maħluq bil-liġi (ara ***Salvino Borġ D'Anastasi v. Ian Decesare et noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ġunju, 1995). Dan jingħad għaliex, fi stat ta' dritt, ħadd mhu meħlus mir-rabta li jimxi kif tridu l-liġi, u jekk issir xilja li xi ħadd ma mexiex skont il-liġi, huma l-qrati li għandhom is-setgħa li jqisu l-ilment u li jagħtu r-rimedju, jekk ikun il-każ (ara ***General Workers' Union v. Bank of Valletta plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Jannar, 2010 u ***Paul Washimba v. Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru, 2012);

25. Din is-setgħa ġenerali hija mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bis-saħħa tal-**artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u mhux bis-saħħa tal-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***Direttur Ġenerali tal-Qrati v. Pinu Axiaq*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu, 2006, ***Prim Ministru v. Victor Vella Muskat*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2006 u ***Mohib Abouzidan v. Akram Jrirah*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 2022);

26. Naturalment din is-setgħa ġenerali tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tistħarreġ deċiżjonijiet ta' tribunali kważi-ġudizzjarji tgħodd biss sakemm il-liġi ma tipprovdix jedd ta' appell quddiem qorti fejn wieħed ikun jista' jattakka dik id-deċiżjoni b'mod

speċifiku (ara ***Josephine Caruana v. Walter Attard*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru, 1951, ***Simonds Farsons Cisk Ltd v. Aġent Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2004, ***David Agius v. Maurice Galea*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2005 u ***Xermus Trading Limited v. Direttur Ġenerali (Taxxa Fuq Il-Valur Miżjud) et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru, 2012);

27. Fil-każ tagħna l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda** tal-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** li ġie applikat mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju, 2012, u li t-tħaddim tiegħu qiegħed jiġi kkontestat mir-rikorrent f'din il-kawża, jeskludi b'mod espress kull rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri). Jiġi b'hekk, li fin-nuqqas ta' rimedju ta' appell speċifiku, din il-qorti għandha s-setgħa ġenerali skont l-**artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li tara jekk it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ħadimx b'mod legali din id-dispożizzjoni tal-liġi;

28. Illi dan l-eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju li huwa mogħti lil din il-qorti mhuwiex miftuħ fuq kollox, iżda kif sew imtenni fis-sentenzi ***Dottor Vincent Falzon nomine v. Isabelle Grima*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Mejju, 1993 u ***Wilfred Privitera v. Anthony Bonello*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Frar, 1993, tali kompetenza ta' stħarriġ hija limitata biss għal tliet kategoriji ta' difetti, *viz*. (i) meta jkun hemm eċċess ta' ġurisdizzjoni; (ii) meta jkun hemm nuqqas ta' ħarsien tal-liġi; u (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' xi wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja naturali;

29. Ir-rikorrenti qiegħed isostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hija ħażina f'dik il-parti fejn waħħal il-multa għaliex it-Tribunal ma setax japplika l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda** tal-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** għal appell li kien ġie introdott qabel ma għaddiet dik il-liġi. Barra minn hekk, ir-rikorrent jisħaq ukoll li t-Tribunal ma messux qajjem l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu minn jeddu fis-

sentenza mingħajr ma jisma' x'kellu xi jgħid ir-rikorrent dwar it-tħaddim ta' dan l-artikolu tal-liġi għall-appell tiegħu;

30. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenuti jgħidu li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għamel sew li applika l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda** tal-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex dan kien fis-seħħ meta ta d-deċiżjoni finali tiegħu. Barra minn hekk, il-konvenut Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biex isaħħaħ dina l-fehma tiegħu jsemmi fit-tielet eċċezzjoni tiegħu għadd ta' deċiżjonijiet tal-qrati fejn ingħad li t-Tribunal huwa marbut li japplika l-*policies* li jkunu fis-seħħ dakinhar li tkun ħa tingħata s-sentenza u mhux dawk il-*policies* li jkunu fis-seħħ fil-mument li ssir l-applikazzjoni għall-iżvilupp;

31. Il-qorti tissokta billi tgħid li huwa minnu li hemm għadd ġmielu ta' sentenzi li jgħidu li t-tribunali u l-bordijiet tal-ippjanar għandhom japplikaw dejjem il-*policies* attwali anke jekk dawn ikunu daħlu fis-seħħ wara r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni (ara *inter alia* ***Emanuel Mifsud v. Il-Kummissjoni Għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996, ***Anthony Demajo nomine v. Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002 u ***Joachim magħruf bħala Jack Galea v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' April, 2014). Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Anthony Laferla et v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** deċiża fis-26 ta' Marzu, 2014,

> *«il-prinċipju regolatur hu illi huma l-pjanijiet u policies eżistenti fi żmien tad-deċiżjoni li jipprevalu għal approvazzjoni jew rifjut ta' żvilupp. Ma jistax jingħad li applikant ikun akkwista xi dritt qabel ma tiġi deċiża l-applikazzjoni u kull applikazzjoni hi soġġetta għal-pjanijiet u policies eżistenti meta tkun ser tingħata d-deċiżjoni b'dan illi kull parti għandha tingħata l-opportunità li tottempera u tidderiġi ruħha f'każ ta' bdil fil-mori ta' proċessar ta' applikazzjoni. Dan jingħad peress illi regoli ta' planning huma ta' natura ta' interess pubbliku li jipprevalu fuq l-interess privat dment li ma jkunx ġa hemm dritt vestit jew il-liġi tipprovdi mod ieħor.»*

32. Madankollu l-każ li għandha quddiemha l-qorti mhijiex dwar l-applikazzjoni ta' pjanijiet u *policies* iżda dwar jekk it-Tribunal setax iwaħħal multa lir-rikorrent skont l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda** tal-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta,** dwar appell li ġie introdott qabel ma dik il-liġi kienet daħlet fis-seħħ. Ifisser allura li l-ġurisprudenza marbuta mal-*policies* u l-pjanijiet viġenti hija għalkollox irrilevanti għall-għanijiet tal-kawża li għandha quddiemha l-qorti. It-tielet eċċezzjoni tas-Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

33. Tassew dak li huwa tabilħaqq rilevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża huwa dak li jgħid l-**artikolu 12(1)(e)** tal-**Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta).** Dan l-artikolu jaqra hekk:

> *«12. (1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux jolqot:*
>
> *...*
>
> *(e) kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
>
> *u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.»*

34. Ifisser dan li sakemm ma jkunx hemm liġi li tgħid mod ieħor, proċeduri legali li jkunu nbdew taħt reġim legali speċifiku għandom jibqgħu regolati b'dak ir-reġim legali, minkejja li dak ir-reġim legali jkun ġie mħassar waqt li jkunu għaddejjin dawk il-proċeduri legali. Dan ma huwa xejn ħlief riflessjoni tal-prinċipju ġenerali li bħala regola l-liġijiet ma japplikawx b'lura iżda bil-quddiem (ara f'dan is-sens l-istudju magħmul fis-sentenza ***Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana*** deċiża fl-10 ta' Jannar, 2007);

35. Ta' min jgħid ukoll li dan l-artikolu speċifiku meħud mill-**Att dwar l-Interpretazzjoni** jsaħħaħ u jpoġġi fil-kotba tal-liġi, prinċipju ġuridiku dwar materja ta' retroattività ta' liġijiet li kien ilu sew stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna. Fost din il-ġurisprudenza nsibu dik ippronunzjata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-26 ta' Frar, 1954 fil-kawża fl-ismijiet ***Edgar Baldacchino et v. Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. ne et***. Hemm ġie mtenni li meta f'liġi li toħroġ ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem tagħha ma jkunx jimporta retroattività, dik il-liġi m'għandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1959 fil-kawża ***Joseph Caruana Curran ne v. Anthony Camilleri ne*** qablet ma' dan it-tagħlim tal-Qorti ta' l-Appell meta tenniet li biex liġi jkollha effett retroattiv, jeħtieġ li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur, u għaldaqstant, fid-dubju għandu jkun eskluż;

36. Il-kunċett ta' retroattività jsib ukoll applikazzjoni fi proċeduri li jkunu ġa mibdija billi, kif ġie mtenni f'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Diċembru, 1947 fil-kawża fl-ismijiet ***Dottor Filippo Nicolo Buttiġieġ et v. Maġġur Gerard C. Gatt R.M.A.***, *«fil-każ ta' proċedimenti ġa avvjati liġi ġdida ma tistax tkun retroattiva, iżda r-retroattività għandha xorta waħda tiġi applikata f'proċedimenti ġa avvjati jekk din tkun espressament sanċita mill-istess liġi ġdida*.»;

37. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, fil-mument li Vincent Bonniċi daħħal l-appell tiegħu f'Awwissu 2005, il-liġi applikabbli kienet l-**Att Dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp** (**Kap 356 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Dakinhar il-liġi ma kinitx tagħti s-setgħa lill-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar (li wara ħadlu postu t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar) biex jimponi multi fuq appelli li jiġi meqjusa bħala fiergħa u vessatorji. Din is-setgħa li timponi multi ġiet mogħtija biss lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fil-31 ta' Diċembru, 2011 meta daħal fis-seħħ l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal**-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta**;

38. Issa mkien ma hemm imniżżel fil-liġi li l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal**-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħodd ukoll għal appelli li jkunu saru qabel il-31 ta'

Diċembru, 2011 (data meta dan l-artikolu daħal fis-seħħ). Jiġi b'hekk, li bit-tħaddim tal-**artikolu 12(1)(e)** tal-**Att dwar l-Interpretazzjoni** fuq imsemmi u tal-prinċipju ġenerali, li bħala regola l-liġi ma tħarisx b'lura iżda tħares bil-quddiem, l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal**-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** għandu jitqies li jgħodd biss għal appelli li jidħlu wara l-31 ta' Diċembru, 2011;

39. Fi kliem ieħor, ladarba l-appell ta' Vincent Bonniċi ġie introdott qabel id-dħul fis-seħħ tal-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal**-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-appell tiegħu ma jistax jitqies bħala milqut minn din il-liġi. F'dan is-sens għalhekk ir-raba', is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar mhumiex mistħoqqa għaliex it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma setax legalment japplika l-piena kontemplata bl-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal**-**Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** fuq appell li kien jippreċedi lil dik il-liġi;

40. Anke l-loġika u s-sens komun jgħidulek li mhux sew li wieħed jeħel kastig dwar xi ħaġa li jkun għamel qabel ma jkun ġie introdott dak il-kastig. Meta Vincent Bonniċi ressaq l-appell tiegħu, ma kien hemm l-ebda liġi li kienet tgħid li min iressaq appell jista' jkun suġġett għal multa ta' €2500 jekk jirriżulta li l-appell tiegħu jkun sar fil-vojt. Għalhekk il-konvenuti ta' xejn qanqlu fl-eċċezzjonijiet tagħhom il-prinċipju legali li l-injoranza tal-liġi mhijiex skuża. Dan għaliex f'dan il-każ mhux injoranza tal-liġi dwar il-multa kien hemm, iżda ineżistenza tal-liġi dwar il-multa;

41. Fuq kollox, anke jekk stess l-appell ta' Vincent Bonniċi seta' kien tabilħaqq wieħed fieragħ, xorta waħda lanqas ma hija ħaġa xierqa li Vincent Bonniċi jispiċċa jeħel multa ta' €2500 bit-tħaddim ta' liġi li daħlet fis-seħħ ħames snin wara li ppreżenta l-appell tiegħu. Hija inġustizzja kbira li wieħed jeħel ta' penali, li tkun daħlet fil-liġi saħanistra ħames snin wara li jkun wettaq l-għemil, li tiegħu

ikun qiegħed jiġi kkastigat bil-penali;

42. Din il-qorti għalhekk qiegħda tasal għall-fehma li Vincent Bonniċi għandu raġun jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li twaħħlu multa ta' €2500 hija *ultra vires.* Dan għaliex it-Tribunal applika liġi b'lura, meta skont l-**artikolu 12(1)(e)** tal-**Att dwar l-Interpretazzjoni** suppost dan ma kellux japplika l-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta,** anke jekk stess dan seta' dehrlu li l-appell ta' Vincent Bonniċi kien wieħed fieragħ u vessatorju;

43. Illi peress li l-qorti sabet li d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kienet waħda *ultra vires* minħabba li l-appell tiegħu ma setax jintlaqat bl-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-istess qorti għalhekk m'għandhiex għalfejn tistħarreġ biex tara jekk l-istess deċiżjoni ngħatatx bi ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u/jew tal-**artikoli 6** jew **7 tal-Konvenzjoni Ewropea** kif inkorporat fil-**Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk il-qorti sejra tastjeni milli tiddeċiedi kemm it-talbiet, kif ukoll l-eċċezzjonijiet dwar dan l-aspett tat-tilwima;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrent u tgħid li hija sejra tistħarreġ il-validità ta' dik il-parti tad-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal ta' Reviżjoni Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-10 ta' Mejju 2012 fil-każ ***Vincent Bonnici v. L-Awtorità ta' Malta Dwar l-Ambjent u Ippjanar*** fejn ġiet imposta l-multa ta' €2,500;

ii. **Tiċħad** it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju tat-

Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-ħames, is-sitt u l-ħdax-il eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (illum Awtorità tal-Ippjanar) għaliex sabet li dawn mhumiex mistħoqqa;

iii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba fis-sens biss li l-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar it-twaħħil tal-multa hija nulla, invalida u mingħajr effett għaliex it-Tribunal ma kellux is-setgħa bil-liġi li jwaħħal dik il-multa fuq appell li ġie mdaħħal qabel id-dħul fis-seħħ tal-**artikolu 14** tat-**Tieni Skeda tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** u **<u>tastjeni</u>** milli tqis il-bqija tat-tieni talba tar-rikorrent dwar jekk id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar itteħditx bi ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u/jew tal-**artikoli 6** u **7 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **<u>tastjeni</u>** wkoll milli tqis l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti dwar din il-parti tat-tieni talba;

Fl-aħħar nett, il-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** illi l-ispejjeż tal-kawża, kif deċiżi minn din il-qorti bis-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2020 għandhom jibqgħu l-istess, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż għandhom jitħallsu kollha hemm huma mill-konvenuti Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u Awtorità tal-Ippjanar *in solidum* bejniethom bħala l-partijiet telliefa fil-kawża.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**